PDF Compressor Pro





Uħud mis-saċerdoti waqt it-talb fil-Kappella tas-Seminarju

# Egħluq is-Sena Saċerdotali

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Qdusja tas-Saċerdoti u fl-okkażjoni tas-Solennità Liturġika tal-Qalb ta' Ġesù nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju, wara nofsinhar, fir-Rabat Għawdex, saret ċelebrazzjoni ta' egħluq is-Sena Saċerdotali.

Fl-4.30 ta' filgħaxija s-Saċerdoti Għawdxin iltaqgħu fil-kappella tas-Seminarju fejn flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech saret espożizzjoni tal-Ewkaristija u tkanta l-innu L-Ispirtu tal-Mulej qed jistrieħ fuqi. Wara tkantat it-talba tas-Salmi, tat-tieni Għasar tas-Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Inqrat lezzjoni qasira dwar il-ħniena u l-imħabba kbira li għandu Alla għal bniedem u tkanta s-salm responsorjali konness mal-istess lezzjoni. Imbagħad tkanta l-kantiku ta' Marija Ir-ruħ tifrah fil-Mulej u ngħad talb għas-sacerdoti, b'mod speċjali dawk msefrin, li qed jaqdu l-Knisja 'l bogħod minn art twelidhom; dawk morda u anzjani kif ukoll għal dawk kollha li mietu fil-paċi mal-Mulej.

Ma naqasx talb għall-ordinandi ġodda Noel Debono (Nadur) u Maximillian Grech (Rabat) u għad-djakni Krystof Buttigieg, (Qala) Simon Mario Cachia, (Rabat) Samuel Grech, (Għajnsielem) John Meilaq, (Rabat) Trevor Sultana u Franklin Vella (Xewkija), sabiex il-Qalb ta' Ġesù tiġbidhom lejha ħalli jagħrfu s-sbuħija u l-kobor tas-sejħa li Ġesù għamlilhom.



Mons. Isqof Mario Grech imexxi mument ta' Adorazzjoni u l-Kant tal-Għasar, fil-Kappella tas-Seminarju

Imbagħad wara, is-saċerdoti mxew f'purċissjoni Ewkaristika, mis-Seminarju lejn il-knisja parrokkjali tal-Fontana. Tul il-mixja tkantaw diversi innijiet, fosthom Jien nadurak bil-qima u Nagħtuk qalbna, nagħtuk ruħna; inqraw siltiet mill-Evanġelju, skond San Mattew (11,28-30). Wara bdiet titkanta il-litanija tal-Qalb ta' Gesu', bil-qari ta' diversi siltiet mill-Evanġelju skond San Ġwann (15, 4-5) (15,9-11), (15, 15-16), (17, 11-12) (17, 21-23), (17, 25-26) (15, 18-19) (13, 13-15).

Mal-wasla fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana, tkanta l-innu Nadurawk, ja Ħobż tas-sema, saret ċelebrazzjoni tal-kelma t'Alla, bil-qari mill-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu (1,9-20), messaġġ mill-Isqof Mons. Mario Grech u att ta' Konsagrazzjoni tas-Saċerdoti lill-Qalb ta' Ġesù, adattament mill-att ta' konsagrazzjoni ta' Santa Margerita M. Alacoque.

Wara Mons. Isqof Grech poġġa fil-kalċi li qed iżomm wieħed mill-anġli tal-Istatwa tal-Qalb ta' Ġesù, l-ismijiet tas-saċerdoti u reliġjużi Għawdxin ħajjin, li jgħoddu mal-230. Imbagħad ingħatat il-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni spiċċat bil-kant Faħħru 'l Mulej.



Waqt il-Purċissjoni Ewkaristika lejn il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Jidhru wħud mis-Saċerdoti

## MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Mons. Isqof Mario Grech b'Ġesù Ewkaristija, hekk kif ħareġ mis-Seminarju, fi triqtu lejn il-Knisja tal-Fontana



Mons. Isqof Mario Grech flimkien mal-Kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana, Fr Joseph Bajada li qiegħed iżomm il-kalċi, resqin lejn l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù



Mons. Isqof Mario Grech ipoġġi l-kalċi bl-ismijiet tas-saċerdoti u reliġjużi Għawdxin, f'idejn l-anġlu tal-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***